It-Tlieta 5 ta' Lulju 2022

RAKKOMANDAZZJONIJIET

IL-PARLAMENT EWROPEW

P9_TA(2022)0275

Negozjati għal ftehim ta' kooperazzjoni bejn l-UE u l-Interpol

Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Lulju 2022 dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill u l-Kummissjoni dwar in-negozjati għal ftehim ta' kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija Kriminali (ICPO-INTERPOL) (2022/2025(INI))

(2023/C 47/23)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra t-TFUE, u b'mod partikolari l-Artikoli 16, 82(1) u 87(2) tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta"), u b'mod partikolari l-Artikoli 7, 8, 47 u 52 tagħha,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) ([1]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI ([2]) (Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data ([3]) (EUDPR), u b'mod partikolari l-Artikolu 42(1) tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI ([4]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 ([5]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") ([6]),

([1]) ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.
([2]) ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89.
([3]) ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39.
([4]) ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53.
([5]) ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1.
([6]) ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1.

It-Tlieta 5 ta' Lulju 2022

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) ([7]),

— wara li kkunsidra l-Opinjoni 8/2022 tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data tal-25 ta' Mejju 2021 dwar ir-Rakkomandazzjoni għal deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim ta' kooperazzjoni bejn l-UE u l-Interpol,

— wara li kkunsidra l-istudju tad-Dipartiment Tematiku għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali ta' Frar 2022 bit-titlu "Ensuring the rights of EU citizens against politically motivated Red Notices",

— wara li kkunsidra r-regoli tal-Interpol dwar l-ipproċessar tad-data,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 2161 (2017) tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa bit-titlu "Abusive use of the Interpol system: the need for more stringent legal safeguards" u r-riżoluzzjoni 2315 (2019) tagħha bit-titlu "Interpol reform and extradition proceedings: building trust by fighting abuse",

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI ([8]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-asil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 ([9]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 114(4) u l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0200/2022),

A. billi t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata tal-lum huma fenomeni dinamiċi, kumplessi, globalizzati, mobbli u sikwit tranżnazzjonali, li jirrikjedu rispons robust u kooperazzjoni aktar effettiva u koordinata fil-livell tal-UE mal-awtoritajiet u l-korpi internazzjonali tal-infurzar tal-liġi bħall-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija Kriminali (Interpol); billi fl-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà tal-2020 il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jżidu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni multilaterali bejn l-UE u l-Interpol, inkwantu dan hu essenzjali għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni; billi r-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-17 ta' Diċembru 2020 dwar l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà ([10]) tenfasizza l-bżonn ta' kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-Istati Membri u koordinazzjoni aħjar fil-livell tal-UE bejn l-atturi kollha;

B. billi kooperazzjoni internazzjonali effikaċi, b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali, hija komponent importanti ta' infurzar tal-liġi u kooperazzjoni ġudizzjarja effikaċi, speċjalment f'tipi ta' reati li jinvolvu l-ipproċessar u l-qsim ta' data personali; billi l-legalità tal-ipproċessar ta' data personali hija rregolata mill-acquis tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data, u billi dan japplika wkoll għal ftehimiet bilaterali ma' sħab ewlenin li għandhom rwol importanti fil-ksib ta' informazzjoni u evidenza potenzjali minn pajjiżi terzi;

C. billi l-Interpol hija l-akbar organizzazzjoni internazzjonali tal-pulizija kriminali u għandha rwol importanti x'taqdi mad-dinja kollha; billi l-Interpol hija bbażata fuq il-kooperazzjoni intergovernattiva; billi f'Diċembru 2021, il-Kunsill adotta mandat ta' negozjar biex il-Kummissjoni tidħol f'negozjati, li mistennija jiġu konklużi sa tmiem l-2022, dwar ftehim internazzjonali f'isem l-UE għal kooperazzjoni aktar b'saħħitha mal-Interpol, li tinkludi l-aċċess għad-databases

([7]) ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138.
([8]) ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27.
([9]) ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85.
([10]) ĠU C 445, 29.10.2021, p. 140.

tal-Interpol u tisħiħ f'termini ta' kooperazzjoni operattiva; billi huwa ta' importanza kbira li jiġi żgurat li l-ftehim finali jistabbilixxi miżuri robusti li jiggarantixxu l-konformità mal-prinċipji relatati mal-ipproċessar tad-data personali, kif stabbiliti fl-acquis tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data, kif ukoll il-korrettezza tad-data personali miksuba permezz ta' tali kooperazzjoni, u li jiġi żgurat li kull att ta' kooperazzjoni u skambju ta' data personali fil-futur jirrispetta d-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt għall-protezzjoni tad-data u l-privatezza;

D. billi l-UE u l-Interpol diġà għandhom storja twila ta' kooperazzjoni f'firxa ta' oqsma relatati mal-infurzar tal-liġi bl-implimentazzjoni operazzjonali taċ-ċiklu tal-politika tal-UE / EMPACT (Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali) u bl-appoġġ għall-attivitajiet tal-Istati Membri b'kooperazzjoni ma' aġenziji tal-UE, bħall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol), l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi, iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, abbażi ta' ftehimiet jew arranġamenti ta' ħidma; billi fil-5 ta' Novembru 2001, il-Europol u l-Interpol iffirmaw ftehim operazzjonali segwit minn memorandum ta' qbil li jippermetti t-trasferiment ta' data personali permezz tal-uffiċjali ta' kollegament rispettivi tagħhom; billi fis-27 ta' Mejju 2009 il-Frontex iffirmat ftehim ta' ħidma mal-Interpol li jistabbilixxi qafas għall-kooperazzjoni bl-objettiv li jiffaċilita l-prevenzjoni, il-kxif u l-ġlieda kontra l-kriminalità tranżnazzjonali u t-titjib tas-sigurtà fil-fruntieri biex tiġi miġġielda l-immigrazzjoni illegali, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' persuni u t-traffikar tal-bnedmin;

E. billi l-Istati Membri individwali tal-UE, fil-kapaċità tagħhom bħala pajjiżi membri tal-Interpol, għandhom aċċess dirett għad-19-il database tal-Interpol, li jinkludu informazzjoni potenzjalment siewja dwar individwi, proprjetà misruqa, armi u theddid; billi dawn id-databases fihom miljuni ta' rekords b'informazzjoni li tista' tgħin direttament fil-ġlieda kontra kriminalità serja, il-kriminalità organizzata u t-terroriżmu; billi, fil-preżent, il-Frontex, il-Eurojust u l-UPPE m'għandhom l-ebda aċċess għal dawn id-databases f'konformità mal-mandati tagħhom – direttament jew fuq bażi ta' "hit/no hit" – għax m'għandhomx ftehim mal-Interpol, li huwa neċessarju għal dan l-iskop skont ir-regoli tal-Interpol dwar l-ipproċessar tad-data;

F. billi fil-preżent diġà hemm kooperazzjoni mill-qrib bejn l-UE u l-Interpol fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu; billi din għandha tissaħħaħ u tiġi estiża għal oqsma ġodda; billi l-proċeduri għandhom jittejbu, isiru aktar rapidi u jiġu ssimplifikati, b'tali mod li jiġu indirizzati sensiela ta' ħtiġijiet operazzjonali indispensabbli sabiex jiġi ffaċilitat aċċess immedjat għall-informazzjoni relatata ma' kriminalità serja, il-kriminalità organizzata u t-terroriżmu u tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni;

G. billi l-UE hija l-akbar donatur ta' fondi lill-Interpol, li huma assenjati primarjament għal skambji ta' informazzjoni fil-qasam tal-infurzar tal-liġi, iżda jinkludu wkoll il-kooperazzjoni fil-ġestjoni tal-fruntieri u attivitajiet ta' bini tal-kapaċitajiet, kif ukoll proġetti u programmi mmirati lejn firxa ta' attivitajiet relatati mat-terroriżmu u ma' kriminalità serja; billi dan jagħti lill-UE rwol importanti fit-titjib tal-mod kif taħdem l-Interpol, partikolarment fir-rigward tat-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont tagħha;

H. billi l-ftehim il-ġdid għandu jistabbilixxi qafas modern u koerenti għall-kooperazzjoni tal-korpi u l-aġenziji tal-UE mal-Interpol, ibbażat fuq il-modi ta' kooperazzjoni diġà eżistenti; billi l-ftehim għandu jkun konformi mar-rekwiżiti ġenerali tal-Karta, l-acquis applikabbli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data, jiġifieri l-EUDPR u d-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi, ir-rekwiżiti u s-salvagwardji speċifiċi tal-protezzjoni tad-data stabbiliti fl-atti bażiċi li jistabbilixxu l-korpi, l-aġenziji u s-sistemi tal-IT tal-UE u l-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE (QtĠ-UE) u l-istandards tad-drittijiet fundamentali;

I. billi l-ftehim il-ġdid għandu jirrispondi għall-ħtiġijiet operazzjonali, fid-dawl tal-aħħar żviluppi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transfruntiera, tranżnazzjonali, serja u organizzata; billi l-ftehim jipprovdi l-bażi ġuridika għall-iskambju ta' informazzjoni operazzjonali, inkluża data personali, u l-aċċess għad-databases rilevanti tal-Interpol min-naħa tal-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni f'konformità mal-mandati tagħhom, bil-kundizzjoni li l-ftehim ikun legalment vinkolanti u infurzabbli fil-konfront tal-partijiet kollha u li jinkludi s-salvagwardji kollha meħtieġa għall-protezzjoni tad-data;

It-Tlieta 5 ta' Lulju 2022

J. billi ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali fir-rigward tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni;

K. billi l-adozzjoni tal-qafas legali tal-Unjoni għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni f'Mejju 2019 wasslet għal taħditiet esploratorji bejn l-UE u l-Interpol dwar il-bżonn ta' ftehim ta' kooperazzjoni; billi fl-UE teżisti infrastruttura ta' data avvanzata u kondiviża għall-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni, kif ukoll il-fruntieri u l-viżi; billi din l-infrastruttura, flimkien mas-sistemi tal-IT u d-databases tal-UE li jikkostitwuha, jippermettu qsim ta' informazzjoni limitat u regolat ħafna ma' pajjiżi terzi jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali;

L. billi l-ftehim il-ġdid għandu jirregola l-kooperazzjoni bejn l-Interpol u l-Europol, l-UPPE, il-Eurojust u l-Frontex u, permezz tal-portal Ewropew tat-tfittxija (ESP), jagħti aċċess dirett għal tnejn mid-databases tal-Interpol – dik tad-Dokumenti tal-Ivvjaġġar Misruqin u Mitlufin (SLTD) u dik tad-Dokumenti tal-Ivvjaġġar Assoċjati ma' Avviżi (TDAWN) – lil dawn il-korpi, l-aġenziji u l-Istati Membri għal finijiet strettament marbutin mat-twettiq tal-kompiti tagħhom, kif irregolat fl-atti bażiċi rispettivi tagħhom f'konformità mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data tal-UE u b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali;

M. billi skont il-kostituzzjoni tagħha, l-Interpol għandha l-obbligu li ma tagħtix assistenza jew għajnuna lil pajjiżi membri li jaġixxu bi ksur tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem;

N. billi, skont rapporti minn organizzazzjonijiet governattivi, internazzjonali u mhux governattivi, xi pajjiżi membri qed ikomplu jabbużaw mis-sistema ta' avviż u diffużjoni tal-Interpol sabiex jippersegwitaw avversarji politiċi, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-livell nazzjonali, avukati, attivisti tas-soċjetà ċivili u ġurnalisti, bi ksur tal-istandards internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u r-regoli tal-Interpol; billi, skont rapporti mill-Kummissjoni u minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-Interpol irriformat u saħħet il-proċessi ta' rieżami tal-avviżi ħomor tagħha, kif ukoll is-sistemi ta' sostenn tagħha għall-Uffiċċji Ċentrali Nazzjonali fil-pajjiżi membri, irriformat l-istruttura u l-funzjonament tal-Kummissjoni għall-Kontroll tal-Fajls, li ssaħħaħ il-mekkaniżmu tal-ilmenti tagħha, ħatret uffiċjal tal-protezzjoni tad-data u implimentat programm ta' tagħlim u kondiviżjoni tal-għarfien; billi minkejja dawn ir-riformi, għad hemm tħassib serju relatat mal-possibbiltà ta' abbużi mis-sistema tal-Interpol b'impatt fuq id-drittijiet fundamentali, hekk kif rapporti reċenti għadhom jenfasizzaw il-bżonn ta' aktar salvagwardji legali, aktar trasparenza u implimentazzjoni aħjar tar-riformi; billi hemm sfidi sinifikanti bil-mekkaniżmi biex tiġi aġġornata l-informazzjoni dwar l-avviżi ħomor u d-diffużjonijiet, peress li xi drabi dawn jibqgħu jidhru attivi fid-databases nazzjonali minkejja li jkunu ġew aġġornati u tneħħew mis-Segretarjat Ġenerali tal-Interpol; billi kemm sorsi bil-miktub kif ukoll intervisti ma' organizzazzjonijiet governattivi u mhux governattivi jissuġġerixxu li l-proċess ta' skrutinju tal-Interpol għadu inkonsistenti;

O. billi l-Artikolu 3 tal-kostituzzjoni tal-Interpol jipprojbixxi kwalunkwe intervent jew attività ta' natura politika, militari, reliġjuża jew razzjali; billi f'dawn l-aħħar snin komplew jiġu osservati abbużi f'każijiet ta' profil għoli minn diversi pajjiżi membri tal-Interpol; billi l-estradizzjonijiet politikament motivati sikwit jiskattaw bil-ħruġ abbużiv ta' "avviż aħmar" jew "diffużjoni ta' persuna mfittxija" permezz tal-Interpol; billi l-informazzjoni mqiegħda għad-dispożizzjoni mill-Interpol dwar il-mod li bih tirrevedi l-avviżi ħomor, il-kapaċità amministrattiva li għandha biex tagħmel dan u r-riżultati ta' dawn ir-reviżjonijiet hija skarsa, u dan iwassal għal nuqqas ta' trasparenza fir-rigward ta' kif taħdem biex tiġġieled b'mod effikaċi l-avviżi ħomor li jkunu politikament motivati; billi l-pajjiżi membri u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra ftit li xejn għandhom aċċess għal informazzjoni dwar it-trattament ġenerali tal-avviżi ħomor u d-diffużjonijiet; billi m'hemm l-ebda informazzjoni disponibbli dwar il-pajjiżi li jagħmlu talbiet għal avviżi bħal dawn, l-għadd ta' talbiet aċċettati u miċħuda, ir-raġunijiet għar-rifjut, liema pajjiżi għandhom l-aħjar jew l-agħar prestazzjoni f'termini ta' aċċettazzjoni jew rifjut tat-talbiet tagħhom, u l-iżvilupp ta' dawn il-prattiki maż-żmien; billi dan jagħmilha impossibbli li tiġi evalwata l-kwalità tal-proċess ta' skrutinju tas-Segretarjat Ġenerali tal-Interpol, il-ħidma tal-Uffiċċji Ċentrali Nazzjonali jew il-kwalità tat-talbiet magħmula mill-pajjiżi;

P. billi l-Parlament, fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 2021 dwar il-każ ta' Ahmed Mansoor, difensur tad-drittijiet tal-bniedem, fl-Emirati Għarab Magħquda ([11]), esprima tħassib serju dwar il-kandidatura u l-ħatra tal-Ispettur Ġenerali tal-Ministeru tal-Intern tal-Emirati Għarab Magħquda – il-Maġġur Ġeneral Ahmed Nasser al-Raisi – bħala President tal-Interpol, u stieden lill-membri tal-Assemblea Ġenerali tal-Interpol, u partikolarment lill-Istati Membri tal-UE, biex jeżaminaw kif xieraq l-allegazzjonijiet ta' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem magħmula fil-konfront tiegħu; billi fil-11 ta' Mejju 2022 infetħu investigazzjonijiet dwar allegazzjonijiet ta' tortura kontra l-President tal-Interpol fi Franza;

([11]) ĠU C 117, 11.3.2022, p. 109.

Q. billi l-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Interpol hija msejsa fuq il-fiduċja fis-sistema u l-proċessi interni tal-Interpol; billi l-fiduċja fis-sistema ta' avviżi ħomor u diffużjonijiet tal-Interpol tiddependi mill-prevenzjoni u l-indirizzar rapidu tal-użu ħażin li jsir mill-avviżi tal-Interpol minn pajjiżi li jippruvaw jużaw is-sistemi tal-Interpol għal finijiet politiċi u repressivi; billi l-Interpol trid tiżgura li l-ipproċessar tad-data personali magħmul permezz tas-sistemi interni tagħha jkun konformi mad-drittijiet tal-bniedem u mal-istat tad-dritt;

R. billi bosta pajjiżi awtoritarji għadhom pajjiżi membri tal-Interpol; billi f'dawn l-aħħar snin ir-reġimi awtoritarji rnexxielhom jabbużaw mis-sistema ta' avviżi ħomor u diffużjonijiet, jippersegwitaw individwi barra mill-ġuriżdizzjonijiet tagħhom u jissoġġettawhom għal restrizzjonijiet reali, prattiċi u invażivi fuq ħajjithom u d-drittijiet fundamentali tagħhom;

S. billi l-invażjoni tal-Ukrajna min-naħa tar-Russja hija theddida diretta għall-kooperazzjoni internazzjonali fl-infurzar tal-liġi u l-aċċess kontinwu tagħha għad-databases tal-Interpol jhedded l-integrità tal-kooperazzjoni tal-UE mal-Interpol; billi r-Russja hija responsabbli għal għadd kbir ħafna ta' avviżi ħomor u diffużjonijiet mad-dinja kollha u hija responsabbli għaċ-ċirkolazzjoni tal-akbar għadd ta' avviżi ħomor politikament motivati, inkluż kontra ċittadini tal-UE, bħall-imħallfin, il-prosekuturi u l-investigaturi Litwani inkarigati mill-investigazzjonijiet dwar l-avvenimenti li seħħew f'Vilnius fit-13 ta' Jannar 1991; billi, minbarra r-Russja, kien hemm pajjiżi oħra li użaw is-sistema ta' avviżi ħomor biex jattakkaw politikament liċ-ċittadini tagħhom;

1. Ifakkar li l-valuri u d-drittijiet fundamentali tal-UE u l-acquis tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data, jiġifieri l-EUDPR u d-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi, iridu jkunu l-bażi tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi, jiżguraw konformità mal-prinċipji tan-neċessità, il-proporzjonalità, il-legalità u l-preżunzjoni tal-innoċenza, u jiggarantixxu l-obbligu ta' rendikont u r-rimedju ġudizzjarju, filwaqt li jiżguraw il-protezzjoni effettiva tal-individwi, b'mod partikolari dawk l-aktar vulnerabbli; ifakkar ukoll li l-konformità ma' dawn id-drittijiet u l-prinċipji, inkluż id-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali, għandhom ikunu fil-qalba tal-iżvilupp tad-diġitalizzazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja u s-sigurtà u l-iżvilupp tal-qafas ta' interoperabbiltà; jenfasizza li dawn il-prinċipji għandhom ikunu fil-qalba tan-negozjati bejn l-UE u l-Interpol dwar ftehim ta' kooperazzjoni;

2. Jissottolinja l-bżonn assolut li l-ftehim mal-Interpol ikun ibbażat fuq ir-rispett sħiħ tal-Karta, l-acquis tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data u r-rekwiżiti u s-salvagwardji speċifiċi tal-protezzjoni tad-data kkodifikati fl-atti bażiċi li jistabbilixxu l-aġenziji, il-korpi u s-sistemi tal-IT fuq skala kbira tal-UE rilevanti u l-mandati rispettivi tagħhom; jenfasizza, għalhekk, li d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni eventwali ta' dan il-ftehim għandha tkun ibbażata wkoll fuq l-Artikolu 16 tat-TFUE;

3. Jinnota li qabel l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim ta' kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Interpol, il-Kummissjoni ma wettqitx valutazzjoni tal-impatt tad-drittijiet fundamentali fir-rigward tal-ħtieġa u l-proporzjonalità ta' kull miżura prevista jew fir-rigward tal-fattibbiltà legali tal-miżuri kollha previsti taħt ftehim globali uniku;

4. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni ssegwi d-divrenzjar tal-Kunsill bejn l-oqsma tal-infurzar tal-liġi, il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u s-sigurtà tal-fruntieri bħala parti mill-ġestjoni tal-fruntieri;

5. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tiżgura l-aċċess għall-bażijiet tad-data differenti tal-Interpol abbażi tal-ħtiġijiet u skont il-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenzi stabbiliti fil-mandati rispettivi tal-korpi u tal-aġenziji differenti tal-UE; ifakkar li l-bażijiet tad-data tal-Interpol fihom miljuni ta' rekords b'informazzjoni li potenzjalment tista' tgħin fil-ġlieda kontra l-kriminalità; ifakkar, madankollu, li hemm problemi ddokumentati dwar l-akkuratezza, l-affidabbiltà u l-oriġini tad-data fi ħdan dawk il-bażijiet tad-data li għandhom jiġu indirizzati;

6. Jisħaq li l-Kummissjoni għandha tiggarantixxi aċċess ikkontrollat għall-bażijiet tad-data tal-Interpol mill-Istati Membri tal-UE, u mill-korpi u l-aġenziji tal-UE, u għandha tiżgura wkoll is-salvagwardji konkreti, speċifiċi u effettivi meħtieġa għal kull tip ta' kooperazzjoni inkluża fil-ftehim previst sabiex tiġi żgurata konformità sħiħa mal-acquis tal-Unjoni rigward il-protezzjoni tad-data, mas-salvagwardji speċifiċi u mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data stipulati mill-bażijiet ġuridiċi tal-korpi u tal-aġenziji tal-Unjoni u tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira tal-UE, u mad-drittijiet fundamentali; jisħaq li

It-Tlieta 5 ta' Lulju 2022

fir-rigward tal-aċċess ikkontrollat għall-bażijiet tad-data, il-ftehim għandu tal-anqas jikkonforma mas-salvagwardji diġà pprovduti mir-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà ([12]), il-bażi ġuridika tar-Regolament dwar is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) ([13]) u r-Regolament (UE) 2016/794;

7. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tinnegozja mal-Interpol dwar ir-rekwiżiti relatati ma' standards għoljin għall-kwalità u għall-verifikabbiltà tal-informazzjoni fil-bażijiet tad-data tal-Interpol u t-trasparenza tas-sorsi tal-informazzjoni;

8. Jistenna viġilanza speċjali matul in-negozjati minħabba s-sensittività tad-data personali inkluża fid-diversi bażijiet tad-data u l-fatt li l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi terzi membri tal-Interpol ma joffrux livell adegwat ta' protezzjoni tad-data u mhumiex parti għal ftehim internazzjonali skont l-Artikolu 218 tat-TFUE li jippermetti l-iskambju ta' data personali operazzjonali mal-UE;

9. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi s-salvagwardji u l-garanziji sodi meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità mad-drittijiet fundamentali u mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data tal-UE sabiex tiġi awtorizzata l-Unità Ċentrali tal-ETIAS stabbilita fi ħdan il-Frontex u l-Istati Membri tal-UE biex jiġu aċċessati l-bażijiet tad-data tal-Interpol SLTD u TDAWN permezz tal-ESP, u kif ikunu meħtieġa biex jiġi implimentat b'mod effiċjenti r-Regolament dwar is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) ([14]), kif ġie rivedut suċċessivament, li jawtorizza lill-Istati Membri tal-UE jaċċessaw il-bażijiet tad-data tal-Interpol SLTD u TDAWN permezz tal-ESP meta jeżaminaw applikazzjonijiet għal viżi jew permessi ta' residenza; jinsisti li, f'każ ta' hits, l-ebda informazzjoni ma għandha tiġi kondiviża mal-Interpol jew mas-sid tad-data fil-bażijiet tad-data tal-Interpol u jfakkar li, kif previst fir-Regolamenti dwar l-ETIAS u l-VIS, sa ma dan ikun hemm qbil dwaru u prattikament ikun iggarantit, iż-żewġ sistemi mhux se jkunu qed jivverifikaw mal-bażijiet tad-data tal-Interpol;

10. Jirrakkomanda li l-ftehim previst għandu jistabbilixxi b'mod ċar liema korpi u aġenziji tal-UE għandu jkollhom drittijiet ta' aċċess u għal liema bażijiet tad-data speċifiċi tal-Interpol, u għal liema mill-kompiti u mill-iskopijiet speċifiċi tagħhom; iqis li l-ftehim previst ma għandux joħloq obbligu għall-aġenziji tal-UE li jikkooperaw mal-Interpol lil hinn minn dak li diġà huwa stabbilit fid-dritt rilevanti tal-Unjoni;

Il-protezzjoni, l-ipproċessar u l-ħżin tad-data personali, ir-rimedju ġudizzjarju

11. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-ftehim jikkonforma mal-acquis tal-UE rigward il-protezzjoni tad-data u jipproteġi d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwi billi jiżgura livell ta' protezzjoni għad-data personali pproċessata skont dan il-ftehim li jkun essenzjalment ekwivalenti għal dak tal-liġi primarja u sekondarja tal-UE; jisħaq li l-ftehim ta' kooperazzjoni previst ma għandux iwassal għad-dgħajfien tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi, u b'mod partikolari tad-drittijiet tagħhom għall-protezzjoni tad-data u għall-privatezza, u għandu jipprovdi rimedju effettiv għal kwalunkwe ksur ta' dawn id-drittijiet;

12. Jisħaq li l-ftehim għandu jiggarantixxi li t-trasferiment tad-data personali jkun adegwat, rilevanti u limitat għal dak li għalih huwa meħtieġ u proporzjonat għall-iskop li għalih se jiġi ttrasferit, f'konformità mal-acquis tal-Unjoni rigward il-protezzjoni tad-data; jenfasizza ulterjorment li għandu jipprevedi l-possibbiltà li tiġi introdotta kwalunkwe restrizzjoni fuq l-aċċess jew l-użu, inkluża restrizzjoni fuq trasferimenti ulterjuri, jew tħassir fil-ħin tat-trasferiment; jisħaq ukoll li s-suġġetti tad-data jrid ikollhom id-drittijiet infurzabbli u effettivi tagħhom żgurati;

13. Iqis li huwa meħtieġ li wieħed jirrikjedi li l-iskopijiet li għalihom id-data tista' tiġi ttrasferita għandhom jiġu indikati b'mod ċar fil-ftehim u li għandu jiġi pprojbit kwalunkwe pproċessar tad-data ulterjuri inkompatibbli mal-iskop inizjali; iqis li l-ftehim irid jindika b'mod ċar li d-deċiżjonijiet ibbażati biss fuq l-ipproċessar awtomatizzat ta' informazzjoni personali mingħajr l-involviment tal-bniedem mhumiex permessi;

([12]) Ir-Regolament (UE) 2019/817 u r-Regolament (UE) 2019/818.

([13]) Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1).

([14]) Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60).

14. Jisħaq li l-ftehim previst għandu jiddeskrivi b'mod ċar il-proċeduri rigward l-obbligu tal-Interpol li tinnotifika f'każ ta' ksur ta' data personali, u d-deskrizzjoni tal-informazzjoni minima li għandha tiġi pprovduta meta jiġi nnotifikat il-ksur; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura fil-ftehim li l-Interpol tinnotifika lill-aġenziji rilevanti tal-UE u lill-awtoritajiet tal-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data, fil-każ ta' ksur ta' data personali, mingħajr dewmien żejjed u, fejn fattibbli, fi żmien 72 siegħa;

15. Jirrakkomanda li s-sorveljanza tad-data kkonsultata ssir minn korp indipendenti wieħed jew aktar responsabbli għall-protezzjoni tad-data b'setgħat effettivi ta' investigazzjoni u ta' intervent u bis-setgħa li jisimgħu l-ilmenti mingħand individwi dwar l-użu tad-data personali tagħhom;

16. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tiggarantixxi li l-Interpol ma żżommx id-data għal żmien itwal minn dak li jkun meħtieġ għall-iskop li għalih ġiet ittrasferita; jistenna, f'dan il-kuntest, li l-ftehim jipprovdi regoli ċari u speċifiċi dwar il-ħżin, inkluż dwar il-limitazzjoni tal-ħżin, ir-rieżami, ir-rettifika u t-tħassir ta' data personali;

17. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura drittijiet infurzabbli u effettivi għal rimedju amministrattiv u ġudizzjarju, u rimedju effettiv għas-suġġetti kollha tad-data, jiġifieri kwalunkwe persuna li d-data tagħha tiġi pproċessata skont dan il-ftehim;

18. Jissottolinja wkoll li l-ftehim jiċċara b'mod espliċitu li l-Interpol mhux se jkollha aċċess dirett jew indirett reċiproku għall-bażijiet tad-data tal-UE;

Interoperabbiltà

19. Jisħaq li l-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni fir-rigward tal-infurzar tal-liġi huma għodod importanti għall-ġlieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu u għall-ksib tal-ġustizzja, iżda jeħtieġ li jkunu mmirati u soġġetti għal salvagwardji u sorveljanza xierqa u predefiniti; jissottolinja li għandhom jindirizzaw l-isfidi marbuta mad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari billi jtejbu l-kwalità tad-data, jimmitigaw il-preġudizzju, jindividwaw l-iżbalji u jevitaw kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

20. Jirrakkomanda li tingħata attenzjoni partikolari lill-isfidi marbuta mad-drittijiet fundamentali u l-ħtieġa ta' miżuri ta' mitigazzjoni u mekkaniżmi ta' nondiskriminazzjoni adegwati, kif ukoll kwalità u protezzjoni mtejba tad-data bil-għan li jiġu stabbiliti oqfsa għall-iżvilupp futur ta' konnessjoni msaħħa bejn is-sistemi tal-informazzjoni tal-UE u dawk tal-Interpol fl-oqsma tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni, kif ukoll il-ġestjoni integrata tal-fruntieri u l-viżi, li jipprovdu qafas leġiżlattiv kruċjali għall-iżviluppi attwali u futuri fl-infrastruttura diġitali tal-UE;

21. Jirrakkomanda li fid-dawl tar-regoli li jirregolaw l-aċċess għad-data personali u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni fis-sistemi u fil-bażijiet tad-data differenti tal-UE, it-termini tal-ftehim ta' kooperazzjoni futur mal-Interpol għandhom jipprovdu s-salvagwardji u l-garanziji meħtieġa biex l-Istati Membri u l-aġenziji rilevanti tal-UE jingħataw aċċess ikkontrollat għall-bażijiet tad-data tal-Interpol permezz tal-ESP kif ikun meħtieġ biex iwettqu l-kompiti tagħhom, f'konformità mad-drittijiet ta' aċċess tagħhom u mad-dritt tal-UE jew dak nazzjonali li jkopri tali aċċess u f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data tal-UE u mad-drittijiet fundamentali;

22. Ifakkar li l-bażijiet tad-data tal-Interpol fihom volum kbir ta' data dwar id-dokumenti tal-ivvjaġġar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, u li l-użu ta' dawn il-bażijiet tad-data jista' jimminimizza l-lakuni fl-informazzjoni, iżid il-konkordanzi pożittivi u sussegwentement itejjeb ir-riżultati operazzjonali tal-ETIAS u tar-Regolament rivedut dwar il-VIS; jenfasizza li l-ftehim ta' kooperazzjoni mal-Interpol għandu jipprovdi l-bażi ġuridika meħtieġa, inklużi s-salvagwardji u l-garanziji tal-protezzjoni tad-data, u jawtorizza lill-ESP biex jaqbad direttament mal-bażijiet tad-data tal-Interpol; jenfasizza li l-ftehim ta' kooperazzjoni għandu għalhekk jipprovdi wkoll skop għall-istabbiliment ta' konnessjonijiet siguri tal-ESP u tal-ETIAS mal-infrastruttura tal-IT tal-Interpol, b'mod li jippermetti aċċess għall-bażijiet tad-data tal-Interpol;

23. Jisħaq li f'konformità mal-qafas attwali tal-UE, il-ftehim il-ġdid għandu jiggarantixxi li kwalunkwe tfittxija awtomatizzata tal-bażijiet tad-data tal-Interpol SLTD u TDAWN permezz tal-ESP bl-użu tal-interoperabbiltà għandha titwettaq b'tali mod li ma tiġi żvelata ebda informazzjoni lill-istat li jkun sid l-allert tal-Interpol;

It-Tlieta 5 ta' Lulju 2022

It-trasferiment tad-data u t-trasferimenti ulterjuri

24. Ifakkar li skont l-acquis tal-Unjoni rigward il-protezzjoni tad-data, it-trasferiment tad-data mill-UE lejn pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali huwa permess biss jekk ir-riċevituri ta' din l-informazzjoni jkunu jistgħu jiggarantixxu livell ta' protezzjoni tad-data personali essenzjalment ekwivalenti għal dak tal-Unjoni; jissottolinja, f'dan il-kuntest, li fin-nuqqas ta' deċiżjoni ta' adegwatezza dwar l-Interpol, il-ftehim għandu jikkostitwixxi l-bażi ġuridika li tippermetti t-trasferiment ta' data personali lill-Interpol, dment li jkun legalment vinkolanti u infurzabbli kontra l-partijiet kollha għall-ftehim u li jinkludi salvagwardji xierqa għall-protezzjoni tad-data;

25. Jisħaq li t-trasferiment ta' data personali li tiżvela l-oriġini razzjali jew etnika, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, is-sħubija fi trade union, data ġenetika, data bijometrika għall-iskop ta' identifikazzjoni b'mod uniku ta' persuna fiżika u data dwar is-saħħa u l-ħajja sesswali jew l-orjentazzjoni sesswali ta' persuna, għandu jkun permess biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali u fejn tali trasferiment huwa meħtieġ u proporzjonat fil-każ individwali għall-ġlieda kontra reati kriminali jew il-prevenzjoni tagħhom li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim; jenfasizza li l-ftehim irid jipprovdi salvagwardji xierqa li jindirizzaw ir-riskji speċifiċi tal-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data, speċjalment għall-minorenni u għall-vittmi ta' reati;

26. Jirrakkomanda li tiġi limitata l-applikazzjoni ta' derogi għal trasferimenti ulterjuri ta' data personali għall-każijiet previsti fil-Kapitolu V tal-EUDPR; jisħaq li r-rekwiżiti speċifiċi skont ir-regolamenti li jistabbilixxu l-aġenziji jew il-korpi kkonċernati tal-UE jridu jiġu rrispettati bis-sħiħ, inklużi d-dispożizzjonijiet speċifiċi relatati mat-trasferimenti ta' data operazzjonali mill-Europol u l-UPPE;

27. Jirrakkomanda li l-ftehim jiżgura li t-trasferimenti ta' data personali jridu jkunu soġġetti għall-obbligi ta' kunfidenzjalità, u meħtieġa u proporzjonati għall-iskopijiet speċifikati fil-ftehim, jiġifieri l-prevenzjoni, l-investigazzjoni, id-detezzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, filwaqt li jissalvagwardja kontra t-theddid għas-sigurtà pubblika u l-protezzjoni tal-fruntieri esterni;

28. Jirrakkomanda li l-ftehim jistabbilixxi b'mod espliċitu li d-data personali ttrasferita mill-UE lill-Interpol mhijiex se tintuża biex tintalab, tingħata jew tiġi eżegwita piena tal-mewt jew kwalunkwe forma ta' trattament krudili u inuman, u li d-data personali mhijiex se tiġi ttrasferita jekk ikun hemm kwalunkwe riskju li d-data tintuża għal dan l-iskop;

Avviżi ħomor u diffużjonijiet

29. Jisħaq, fid-dawl ta' kooperazzjoni futura, li minkejja r-riformi reċenti, it-trasparenza u l-akkontabbiltà jibqgħu sfida kemm fil-livell individwali kif ukoll f'dak organizzazzjonali fl-Interpol, u l-istess in-nuqqas ta' informazzjoni statistika disponibbli dwar it-tħaddim tas-sistemi tal-avviżi u tad-diffużjonijiet tagħha; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tiżgura impenn u garanziji mill-Interpol li se tkompli tiżviluppa aktar l-istrutturi u r-regoli meħtieġa, kif ukoll l-għodod sostantivi li jippermettu l-ipproċessar konsistenti u trasparenti tat-talbiet, ir-rieżamijiet, l-isfidi, il-korrezzjonijiet u t-tħassir;

30. Jistieden lill-Kummissjoni tinnegozja rekwiżit sod li l-Interpol ittejjeb it-trasparenza tas-sistema ta' rieżami tal-avviżi ħomor u tad-diffużjonijiet tagħha, b'mod partikolari tar-rwol u tal-ħidma tat-Task Force tagħha għall-Avviżi u d-Diffużjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni tuża n-negozjati mal-Interpol biex titlob lill-organizzazzjoni tipproduċi, taġġorna u tagħmel disponibbli għodod proċedurali u sostantivi dwar it-trattament legali ta' avviżi ħomor u diffużjonijiet, filwaqt li tiżgura l-ipproċessar konsistenti u trasparenti tat-talbiet, ir-rieżamijiet, l-isfidi, il-korrezzjonijiet u t-tħassir;

31. Jirrakkomanda, sabiex tittejjeb l-effiċjenza u tiżdied it-trasparenza, pubblikazzjoni annwali ta' data statistika dwar l-ipproċessar tal-avviżi ħomor u tad-diffużjonijiet, inkluża informazzjoni dwar l-għadd ta' sottomissjonijiet, il-pajjiż ta' oriġini, il-kategorija tar-reat kriminali, ir-raġunijiet jew il-ġustifikazzjonijiet għaċ-ċaħdiet u l-użu ta' sanzjonijiet f'każijiet ta' abbuż; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li d-data statistika dwar it-trattament mill-Istati Membri tal-UE tat-talbiet għall-arrest b'rabta ma' avviżi ħomor u diffużjonijiet jingħabru għall-Istati Membri kollha;

32. Jisħaq li, fil-kuntest ta' dan il-ftehim, l-Interpol għandha tiżviluppa profili ta' riskju pubbliċi tal-avviżi ħomor u tad-diffużjonijiet, abbażi tal-pubblikazzjoni statistika annwali msemmija fil-paragrafu ta' ħawn fuq, li jippermettu l-evalwazzjoni tar-riskju ta' abbuż mill-pajjiżi rikjedenti, u li jikkontribwixxu għall-evalwazzjoni tal-effettività tal-mekkaniżmi ta' infurzar tal-Interpol;

33. Jistieden lill-Kummissjoni, fil-kuntest ta' dan il-ftehim, tesplora l-modi possibbli li permezz tagħhom l-ESP jista' jindirizza l-problema ta' avviżi ħomor u diffużjonijiet motivati politikament, li fil-prattika jkunu waħda mill-għodod li tista' tkun effettiva kontra talbiet ta' avviżi ħomor motivati politikament f'ċerti sitwazzjonijiet;

34. Ifakkar fid-dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar l-avviżi ħomor tal-Interpol fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2022/991 ([15]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jappoġġja l-isforzi mwettqa fl-Interpol biex jiġi evitat l-abbuż tal-avviżi ħomor u tad-diffużjonijiet għal raġunijiet politiċi jew ksur tad-drittijiet tal-bniedem u jappella għal skambju kontinwu u regolari dwar il-kwistjoni bejn l-Interpol u l-Uffiċċji Ċentrali Nazzjonali tagħha sabiex titqajjem aktar kuxjenza dwar l-azzjonijiet li l-Istati Membri għandhom jieħdu b'kooperazzjoni mal-Interpol;

35. Jistenna li l-Kunsill iwettaq l-impenn tiegħu li jkompli jappoġġja lill-Interpol fil-promozzjoni tal-istandards u tal-proċeduri eżistenti tagħha għall-kwalità u għall-konformità tad-data;

36. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem ukoll internament, bl-użu tal-għodod tekniċi eżistenti disponibbli fl-ambitu tal-qafas ta' sigurtà tal-UE, biex tistabbilixxi mekkaniżmu ta' verifika għall-Istati Membri tal-UE biex jiskambjaw informazzjoni dwar l-identifikazzjoni u t-tneħħija ta' avviżi ħomor u diffużjonijiet motivati politikament, dwar l-aħjar prattiki f'dan il-qasam u dwar profili ta' riskju ta' pajjiżi terzi li joħolqu avviżi ħomor;

37. Jistieden lill-Kummissjoni tirrikonoxxi r-riskju li reġimi awtoritarji sistematikament jikkompromettu l-kooperazzjoni internazzjonali tal-infurzar tal-liġi bbażata fuq il-fiduċja billi jabbużaw mill-għodod ipprovduti mill-Interpol; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Interpol iżżid l-isforzi tagħha biex b'mod effettiv tikkumbatti din l-imġiba ħażina;

38. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi fil-ftehim dispożizzjonijiet rigward l-appoġġ lill-Interpol biex iżżid l-għadd attwalment żgħir ta' persunal li jittratta r-rieżami ta' avviżi ħomor u diffużjonijiet fi ħdan il-Kummissjoni għall-Kontroll tal-Fajls u ttejjeb l-informazzjoni statistika dwar il-funzjonament tal-avviżi ħomor u tad-diffużjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni tuża r-rwol u l-influwenza tal-UE biex tappoġġja titjib li jsaħħaħ il-protezzjoni tal-avviżi u tad-diffużjonijiet mill-użu ħażin;

Ir-Russja

39. Jinnota t-tħabbira mis-Segretarju Ġenerali tal-Interpol li se timplimenta miżuri ta' monitoraġġ imsaħħa biex tidentifika u tipprevjeni kwalunkwe abbuż ulterjuri tas-sistemi tal-Interpol mir-Russja; jibqa' mħasseb, madankollu, li l-monitoraġġ waħdu mhux se jimmitiga bis-sħiħ ir-riskji tal-abbuż mir-Russja; jisħaq, għalhekk, li minħabba ċ-ċirkostanzi speċjali attwali, inkluż il-ksur sfaċċat min-naħa tar-Russja tad-dritt internazzjonali u n-nuqqas ta' osservanza tas-sistema internazzjonali bbażata fuq ir-regoli, il-Kumitat Eżekuttiv u s-Segretarjat Ġenerali tal-Interpol għandhom jieħdu miżuri immedjati u sodi biex jirrevokaw id-drittijiet ta' aċċess tal-Federazzjoni Russa u tal-Belarussja għas-sistemi tal-Interpol, peress li l-azzjonijiet tagħhom huma theddida diretta għall-kooperazzjoni internazzjonali fl-infurzar tal-liġi u jikkostitwixxu ksur serju tad-drittijiet fundamentali; iħeġġeġ lill-Kumitat Eżekuttiv tal-Interpol biex iħejji u jipproponi lill-Assemblea Ġenerali l-emendi meħtieġa għall-kostituzzjoni tal-Interpol biex tippermetti s-sospensjoni ta' pajjiżi membri mill-Interpol u jistieden lill-Istati Membri tal-UE jappoġġjaw din l-inizjattiva bil-għan li jissospendu lir-Russja u lil pajjiżi oħra li b'mod konsistenti jabbużaw mill-Interpol għal raġunijiet politiċi mill-organizzazzjoni; iħeġġeġ lis-Segretarjat Ġenerali tal-Interpol iressaq proposta lill-Kumitat Eżekuttiv għal miżuri korrettivi għall-Federazzjoni Russa skont l-Artikolu 131(3) tar-Regoli tal-Interpol dwar l-Ipproċessar tad-Data, inkluża s-sospensjoni tad-drittijiet ta' aċċess tal-Uffiċċju Ċentrali Nazzjonali Russu;

40. Jirrakkomanda bil-qawwa li l-Kummissjoni tressaq miżuri ta' monitoraġġ imsaħħa, fil-kuntest ta' dan il-ftehim, fir-rigward tal-avviżi u tad-diffużjonijiet maħruġa qabel il-gwerra fl-Ukrajna mill-awtoritajiet Russi; jistieden lill-Kummissjoni tagħti pariri lill-Istati Membri dwar miżuri speċifiċi li għandhom japplikaw fir-rigward tal-avviżi u tad-diffużjonijiet mill-awtoritajiet Russi qabel il-gwerra u fil-kuntest attwali;

([15]) Ir-Regolament (UE) 2022/991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794, fir-rigward tal-kooperazzjoni tal-Europol ma' partijiet privati, tal-ipproċessar ta' data personali mill-Europol b'appoġġ għal investigazzjonijiet kriminali, u tar-rwol tal-Europol fir-riċerka u fl-innovazzjoni (ĠU L 169, 27.6.2022, p. 1).

It-Tlieta 5 ta' Lulju 2022

Osservazzjonijiet finali

41. Jitlob li l-ftehim jipprevedi l-possibbiltà li jiġi sospiż jew terminat f'każ ta' kwalunkwe ksur tad-dispożizzjonijiet tiegħu, b'mod partikolari dawk dwar id-data personali minn waħda mill-partijiet, filwaqt li jiġi speċifikat li d-data personali li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim ittrasferita qabel is-sospensjoni jew it-terminazzjoni tiegħu tista' tkompli tiġi pproċessata f'konformità mat-termini tal-ftehim;

42. Iqis li l-ftehim previst għandu jkun fih klawżola dwar rapport ta' rieżami mill-Kummissjoni tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu, u kull tliet snin minn hemm 'il quddiem, li jivvaluta l-implimentazzjoni effettiva tal-ftehim u r-rispett tiegħu tad-drittijiet fundamentali; iqis li huwa importanti li l-ftehim jipprevedi mekkaniżmu ta' monitoraġġ u rieżamijiet perjodiċi biex jiġi evalwat il-funzjonament tiegħu fir-rigward tal-ħtiġijiet operazzjonali tal-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, inkluża statistika dwar l-għadd ta' kriminali arrestati u misjuba ħatja bl-għajnuna tad-data tal-Interpol, kif ukoll il-konformità tiegħu mal-protezzjoni tad-data u ma' drittijiet fundamentali oħra;

43. Jirrakkomanda, kif ġie kkonfermat mill-QĠUE, fl-opinjoni tagħha tat-8 ta' Settembru 2016 dwar l-abbozz ta' ftehim bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea dwar it-Trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri mill-Unjoni Ewropea għall-Kanada, li l-konsiderazzjonijiet tal-ftehim jinkludu wkoll il-bażijiet ġuridiċi sostantivi kollha rilevanti, inkluż l-Artikolu 16 tat-TFUE;

44. Jirrakkomanda li kwalunkwe soluzzjoni ta' tilwim li għandha tiġi nnegozjata taqa' taħt il-ġurisdizzjoni aħħarija tal-QĠUE;

45. Jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament dwar it-twettiq u l-eżitu tan-negozjati, kemm fuq bażi regolari kif ukoll kull meta tiġi mitluba tagħmel dan; ifakkar li l-Parlament għandu s-setgħa li jagħti l-kunsens tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim ta' kooperazzjoni previst u li għalhekk għandu jkun involut mill-qrib fil-proċess tan-negozjar; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li r-rapportar lill-Parlament ikun parti mill-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni previsti fil-ftehim ta' kooperazzjoni;

o

o o

46. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-rakkomandazzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Organizzazzjoni tal-Pulizija Kriminali (ICPO-INTERPOL).